# Kunsill Lokali Birgu

**Head Office -** Couvre Porte - Birgu BRG 1810 Tel : 21662166 Fax : 21662266
**Front Office** – Auberge d'Angleterre, Triq il-Majjistral., Birgu BRG 1270 Tel/Fax: 21802707
e.mail : **birgu.lc@gov.mt** website : **www.birgu.gov.mt**

21 ta' Ottubru, 2011
.
**Minuti tal-laqgha numru 59(05)**

Il-Kunsill Lokali tal-Birgu ltaqa' ghal-laqgha b'urgenza nhar it-Tlieta 27 ta' Settembru, 2011 fil-Berga ta' Franza fil-hamsa u nofs ta' filghaxija.

**Preżenti**

Is-Sur John Boxall - Sindku, s-Sinjura Miriam Grech – Kunsilliera, s-Sur Ivan Peresso – Kunsillier, s-Sinjura Judith Saliba - Kunsilliera.

Il-Vici Sindku, s-Sur Christopher Cassar kien assenti.

Ippresieda l-laqgha s-Sur John Boxall, Sindku.

**Talba**

Is-Sur John Boxall, Sindku, qal it-talba u ta bidu għal-laqgħa.

Is-Sindku rringrazzja lil Kunsilliera prezenti talli laqghu t-talba tieghu biex tissejah laqgha b'urgenza.

1. Is-Sindku nforma lil Kunsilliera prezenti li din il-laqgha issejhet b'urgenza sabiex il-Kunsill jiddiskuti l-attivita tal-BirguFest 2011, li ser issir bejn is-7 u d-9 t'Ottubru, 2011. Is-Sindku, s-sur John Boxall, tah rendikont tal-preparamenti li qed issiru inkonessjoni ma' din l-attivita u x-xoghol li qieghed issir mil-haddiema tal-Kunsill flimkien ma' l-ammont kbir ta' volontiera li qed jghinu lil Kunsill Lokali tal-Birgu, biex ghal darb'ohra titella' din l-attivita u tilhaq il-livell mistenni.

Hawnhekk, is-Sindku pprezenta ittra li l-istess Kunsill ircieva mil-Monitoring Unit tad-Dipartiment ghal Gvern Lokali, fejn id-Dipartiment nforma lil Kunsill Lokali tal-Birgu, li l-istess Kunsill, qed jigi allegat li :

1. Il-Kunsill Lokali qed jitlob kontribuzzjoni ta' € 100 minn kull Ghaqda/Assocjazzjoni/klabb li jarma xi bottegin ghall-attivita tal-Birgufest

2. Il-Kunsill irid juza' l-inbid tal-Marsovin.

Is-Sindku zied jghid li d-Dipartiment talab sabiex il-Kunsill Lokali tal-Birgu, jibghat il-kummenti tieghu.

Is-Sindku nforma lil Kunsill bir-risposta li bghat lid-dipartiment u spjega li l- kontribuzzjoni ta' € 100 qed tintalab biex jigu koperti parti zghira mil-ispejjez kollha ta' l-attivita, mifruxa fuq tlett ijiem, li sa issa dawn l-ispejjez jammontaw ghal fuq min € 32, 000. Barra min hekk, is-Sindku spjega li l-uzu ta' l-inbid Marsovin gie imponut minhabba l-fatt li din il-kumpanija tat ghal dawn l-ahhar snin u ghada taghti lil Kunsill ammont sostanzjali ta' donazzjoni, kif ukoll li ghal din l-attivita kienet wahda mil-kumpaniji li taw donazzjoni sostanzjali biex tkun tista' ssir.

Is-Sur Boxall, Sindku nforma lil kunsilliera prezenti, li l-Kunsill talab lid-dipartiment biex tinghata direzzjoni ghal mistoqsijiet li saru viz-a-vi t-twegibiet min-naha tal-Kunsill, sabiex l-istess Kunsill ikun f'qadgha ahjar dwar l-organizazzjoni ta' din l-attivita u l-istess Kunsill ikun jista' jiehu l-konsiderazzjonijiet kollha sahansitra dik li jikkancela din l-attivita.

Is-Sur John Boxall, Sindku qal li f'din is-sitwazzjoni, il-Kunsill qieghed jistenna risposta min-naha tad-dipartiment, fejn anke talab li din tinghata sa ghada l-Erbgha 28 ta' Settembru, peress li f'din il-gurnata hemm laqgha mar-rapprezentanti ta' l-ghaqdiet, assocjazzjonijiet u klubbs sabiex jinghatalhom taghrif dwar din l-attivita.

Il-laqgha ntemmet fil-7:30 ta' filghaxija.

| | |
|---|---|
| Christine Bonello<br>Segretarja Ezekuttiva | ikkonfermati John Boxall<br>Sindku |



John Boxall - Sindku, Christopher Cassar - Vici Sindku,

Miriam Grech – Kunsilliera, Ivan Peresso – Kunsillier, Judith Saliba - Kunsilliera

Christine Bonello – Segretarja Ezekuttiva